MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 727/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Noel Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Noel Carabott (ID nru 39975M), bin Joseph u Liberata nee’ Grima, imwieled Pieta’ fl-01/01/1975 li joqghod ‘It-Tina Farmhouse’, Hal Ginwi, Marsaxlokk gie akkuzat talli fil-31 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-17:45hrs, ikkommetta serq ta’ telefon cellulari minn gol-hanut ‘Old Trafford’, sitwat fi

Triq l-Arznell, Marsaxlokk, ghad-detriment ta’ George Abela minn M’Xlokk;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe telefon cellulari;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JF2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Chris Busietta ghall-imputat b’referenza ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u li ukoll giet ammessa mill-imputat, iddikjaraw li rigward din l-akkuza japplika l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li l-oggett li jirrigwarda din l-akkuza (telefon cellulari) kien gej minn serq.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lill-sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 284, 285 u 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Noel Carabott, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lill-sidha u li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Noel Carabott ghall-piena komplessiva ta' sena (1) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Noel Carabott jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Noel Carabott l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------